# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2009

## dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità tal-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand

(2009/502/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika mal-Gvern ta' New Zealand.

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat fis-16 ta' Lulju 2008 fi Brussell, suġġett għal konklużjoni f'data futura.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand [2] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità u tadotta l-pożizzjoni tal-Komunità li għandha tittieħed fil-Kumitat Konġunt dwar il-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika stabbilit skont l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim fir-rigward tal-emendi tekniċi għall-Ftehim taħt l-Artikolu 6(3)(c) tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 13(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GANDALOVIČ

[1] L-Opinjoni mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Ara d-dokument 10118/08.